**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru : 160/2020 RM**

**Karen Camilleri**

**-Vs-**

**Alliance Francaise de Malte - Mediterranee**

**Illum, 6 ta' Frar 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Karen Camilleri fir-Reġistru ta' din il-Qorti fl-1 ta' Settembru 2020 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta, Alliance Francaise de Malte – Mediterranee, tħallasha s-somma ta' disat elef, tmien mija u tnejn u tmenin ewro u hames centezmi (€9,882.05) rapprezentanti awment ta' salarju li baqa ma thallasx lill-istess attrici mill-intimati ghall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2010 sal-1 ta' Settembru 2019, meta l-attrici kienet impjegata mill-intimati bhala 'Directrice Generale bis-salarju ta' sitta u ghoxrin elf u erbgha mitt ewro (Eur 26,400.00) fis-sena, ossia awment ta' elfejn u erbgha mitt ewro (Eur 2,400.00) fis-sena fuq is-salarju ghall-perijodu immedjatment precedenti;

Bl-ispejjez, inkluzi dawn tal-ittra ufficjali 1435/2020 pprezentata ai termini tal-artikolu 166(A) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll il-mandati kawtelatorji kontestwalment ipprezentati, u l-imghax legali dekors.

Rat ir-Risposta ppreżentata minn Alliance Francaise de Malte – Mediterranee fid-19 ta' Ottubru 2020 fejn ġie eċċepit:-

1. *Illi preliminarjament, il-pretensjoni tar-rikorrenti magħmulha fil-konfront tal-intimata hija preskritta.*
2. *Illi fil-meritu, t-talba hekk kif impostata hija nfundata fil-fatt u fid-dritt kif sejjer jirriżulta mit-trattazzjoni ta' dan il-każ;*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż.*

Semgħet ix-xhieda ;

Rat il-provi kollha kif ukoll id-dokumenti kollha esebiti ;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-attriċi fit-23 ta' Novembru 2022 kif awtorizzat permezz ta' digriet li ngħata fl-10 ta' Ottubru 2022;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tas-soċjeta' konvenuta ippreżentata fis-16 ta' Jannar 2023;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza in difett ta' ostakolu;

Rat illi ma jeżisti l-ebda impediment għall-prolazzjoni tas-sentenza llum;

Ikkunsidrat;

Din hija azzjoni għall-ħlas ta' żieda fis-salarju annwali tal-attriċi skont kif stipolat fil-kuntratt tas-servizz tagħha, liema żieda l-attriċi tikkontendi li baqa' qatt ma tħallas lilha mill-prinċipal tagħha, is-soċjeta' konvenuta, minn meta kienet dovuta din iż-żieda, ċioe' minn Lulju 2010 'il quddiem, u dan sakemm intebħet hija stess b'dan in-nuqqas diversi snin wara.

Is-soċjeta' konvenuta tilqa' għal din l-azzjoni b'eċċezzjoni unika tal-preskrizzjoni imsejsa fuq id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2148(d) tal-Kodiċi Ċivili.

Il-Qorti rat l-atti. Fil-klawsola 4(g) tal-kuntratt tas-servizz ("*letter of engagement*") bejn l-attriċi u s-soċjeta' konvenuta attriċi[1], jinsab stipolat li l-attriċi kellha tirċievi salarju annwali miżjud fis-somma ta' €26,400 mill-1 ta' Lulju 2010 'il quddiem, peress minn dakinhar kellha tibda tokkupa pożizzjoni ogħla fis-soċjeta' konvenuta, dik ta' *Directrice Generale*.

L-attriċi xehdet[2] illi s-salarju tagħha kien jiġi maħdum abbażi ta' *excel sheet* li kien jiġi mħejji minn Stephanie Pearson, li dak iż-żmien kienet impjegata bħala *accounts executive* mas-soċjeta' konvenuta. Stqarret ukoll illi kienet hija stess li kienet iddaħħal is-salarju gross tagħha f'dan l-*excel sheet* li mbagħad kien inaqqas awtomatikament mis-salarju dovut, it-taxxa fuq id-dħul u s-sigurta' soċjali dovuta.

Fix-xhieda tagħha, l-attriċi, b'referenza għal Stephanie Pearson, fissret illi:-

"*... fl-aħħar tas-sena kont nibagħtilha l-excel sheet biex tkun tista' taħdimli l-għoli tal-ħajja u nkun nista' nibda salary sheet għas-sena ta' wara u minn hemm ġara l-iżball*

[1] Dok. E, paġna 23 *et seq.* tal-atti tal-kawża.
[2] Affidavit tal-attriċi, 3 ta' Diċembru 2020 u kontro-eżami tal-20 ta' April 2022.

*għax jien minn 2010 bdejt minn January sa June bit-tali paga u mbagħad meta bgħattilha l-excel sheet fl-aħħar tas-sena ma ħadniex the new annual rate, [f]l-excel sheet kien hemm il-paga ta' grad inferjuri, hemmhekk sar l-iżball imbagħad ovvja minn sena wara l-oħra it started to accumulate.*"[3]

Fil-fatt, Stephanie Pearson xehdet: "*... wara Diċembru tal-elfejn u għaxra u bi żvista, u dan għaliex kienet il-prassi li tintuża l-excel sheet tas-sena ta' qabel, is-salarju ta' Karen Camilleri reġa' mar lura għal dak li kien orġinali qabel Lulju tal-elfejn u għaxra.*"[4]

Minn dan il-Qorti fehmet illi d-diskrepanza fil-ħlas li hija pretiża mill-attriċi f'din il-kawża, seħħet minħabba l-fatt illi fis-sena 2011 l-attriċi, li kienet iddaħħal hija stess is-salarju tagħha fl-imsemmi *excel sheet*, użat l-istess *excel sheet* tas-sena preċedenti u ma kienetx applikat is-salarju miżjud li kien dovut lilha skont il-kuntratt tal-impieg b'effett mill-1 ta' Lulju 2010, ċioe' is-salarju miżjud ta' €26,400 fis-sena għall-kariga l-ġdida tagħha ta' *Diretrice Generale*, minflok salarju mensili ta' €2,000 dovut lilha fil-kariga preċedenti tagħha ta' *Diretrice Deleguee*.

L-attriċi insistiet illi l-ammonti indikati fil-prospett ossia *excel sheet* immarkat Dok. B, fosthom l-ammont totali ta' €9,882.05 pretiża minnha f'din il-kawża in linea ta' inkrement fis-salarju għas-snin 2011 sal-2018, ħadmithom Stephanie Pearson u dan ġie affermat mill-istess Stephanie Pearson fix-xhieda tagħha. Fissret ukoll, b'referenza għal dan il-prospett Dok. B li: "*il-figuri jidhru il-gross kemm qlajt kif inhu dikjarat fuq l-FS3, imbagħad ikkalkulatli l-COLA li suppost qlajt kull sena*"[5]. Fil-fatt, jirriżulta illi għalkemm bejn Jannar 2010 u Jannar 2011 iż-żieda tal-COLA ġiet effettivament applikata għas-salarju tal-attriċi[6], jirriżulta illi minn Lulju 2010 'il

---

[3] Kontro-eżami tal-attriċi, 20 ta' April 2022.
[4] Affidavit ta' Stephanie Pearson.
[5] Kontro-eżami tal-attriċi 20 ta' April 2022.
[6] Fil-fatt, Stephanie Pearson xehdet illi "*id-differenza bejn Jannar elfejn u għaxra u Jannar elfejn u ħdax kien biss iż-żieda tal-COLA u b'hekk dan l-iżball baqa' għaddej għas-snin sussegwenti*".

quddiem, l-attriċi baqgħet dejjem titħallas is-salarju li kien pagabbli sa Lulju 2010 miżjud biss bl-applikazzjoni tal-COLA għall-perijodu appena msemmi.

Is-soċjeta' konvenuta ma ressqet l-ebda prova kuntrarja u baqgħet ma wrietx li l-ammonti maħduma mill-*accounts executive* tagħha stess, Stephanie Pearson, ġew komputati ħazin u lanqas ressqet prova li dawn l-ammonti ma kienux dovuti lill-attriċi skont il-kuntratt tas-servizz tagħha. Tikkontendi iżda, illi meta l-attriċi ġiet biex tirriżenja mill-impieg tagħha fl-2019 u ntebħet bl-iżball fil-ħlas tas-salarju tagħha, hija bdiet tħallas lilha nnifisha s-salarju awmentat għall-perijodu rimanenti tal-impieg, mingħajr ma kisbet preventivament l-approvazzjoni tal-Bord biex tibda tagħmel dan il-ħlas miżjud.

Mill-provi jirriżulta illi l-attriċi rriżenjat mill-impieg tagħha fit-28 ta' Mejju 2019 filwaqt li l-aħħar ġurnata tax-xogħol tagħha, wara li ħadmet in-notice period kollu, kienet fit-30 ta' Awwissu 2019. Minn eżami tal-prospett Dok. B jirriżulta illi in kwantu għas-sena 2019, mhu qed isir ebda pretensjoni mill-attriċi għall-ħlas tad-diskrepanza fis-salarju u l-Qorti fehmet li r-raġuni għal dan hu l-fatt li fis-sena 2019 l-attriċi ħallset lilha nnifisha l-ammont sħiħ ta' salarju li fil-fehma tagħha kien dovuta lilha skont il-kuntratt tas-servizz. Huwa minnu wkoll l-allegazzjoni li għamlet is-soċjeta' konvenuta illi l-attriċi ħallset lilha nnifisha s-salarju miżjud kif maħdum mill-accountant tal-istess soċjeta' konvenuta u biż-żidiet relattivi tal-COLA, **qabel** ġiet awtorizzata espressament mill-Bord[7]. Fl-istess waqt, hu inkontestat illi bħala direttriċi ġenerali tas-soċjeta' konvenuta l-attriċi minn dejjem kienet toħroġ hija stess mingħajr il-ħtieġa ta' ebda awtorizzazjoni ulterjuri, il-ħlas tas-salarji tal-impjegati kollha inkluż tagħha[8].

Ikkunsidrat;

---

[7] Ara xhieda tal-attriċi in kontro-eżami, 20 ta' April 2022.
[8] Ara Affidavit ta' Odette Vella.

Illi fl-ewwel lok, is-soċjeta' konvenuta teċċepixxi li l-azzjoni għall-ħlas waqgħet bil-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar a tenur tal-Artikolu 2148(d) tal-Kodiċi Ċivili.

Hawnhekk il-liġi tipprovdi illi jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar, fosthom:- "*l-azzjonijiet ta' persuni, għall-ħlas tas-salarju tagħhom;*"

Jinsab pacifikatament ritenut[9] illi meta l-konvenut jeċċepixxi l-preskrizzjoni, il-Qorti qabel xejn trid teżamina jekk il-preskrizzjoni eċċepita hijiex opponibbli għat-talba u għall-azzjoni kif imfassla u, f'kaz affermattiv, għandha tipproċedi biex tiddetermina d-data li minnha ghandu jitqies li dak it-terminu preskrittiv beda jiddekorri (jekk il-preskrizzjoni m'hijiex altrimenti sospiza ai termini tal-Artikoli 2123 *et seq.* tal-Kodici Civili) kif ukoll jekk dak it-terminu, jekk iddekorra, ġiex interrott għal xi raġuni dedotta mill-parti kontra min ġiet sollevata l-eccezzjoni.

Jinsab ukoll assodat illi meta l-Qorti tiddetermina li l-preskrizzjoni partikolari eċċepita mill-konvenut, m'hijiex dik applikabbli ghall-azzjoni, m'huwiex kompitu tagħha li tindaga u tistabbilixxi hija stess liem'hija l-preskrizzjoni applikabbli, għaliex huwa vjetat it-tqanqil u applikazzjoni *ex officio* mill-Qorti tal-preskrizzjoni[10]. In-natura odjuza tal-eċċezzjoni tesiġi wkoll li tingħata interpretazzjoni u tifsira restrittiva tal-eċċezzjoni, b'mod illi kull dubju dwar l-applikabbilita` taż-żmien preskrittiv minn dak li jirrizulta mill-atti, għandu jmur kontra l-eċċipjenti tal-preskrizzjoni.

Kif ingħad, l-attriċi qiegħda titlob il-ħlas tal-inkrement fis-salarju tagħha fis-somma ta' €2,400 fis-sena, liema awment skatta fl-1 ta' Lulju 2010 u baqa' ma tħallasx sal-aħħar tas-sena 2018. Mill-provi jirriżulta illi l-attriċi ħallset lilha nnifisha s-salarju awmentat biż-żidiet staturorji kif pretiż minnha għall-perijodu 1 ta' Jannar 2019 sad-data tar-riżenja tagħha. Fil-fatt, minn eżami tal-prospett tal-ammont pretiż mill-attriċi għal kull sena in kwantu salarju u żidiet statutorji, jirriżulta li mhijiex qiegħda titlob il-ħlas tal-awment dovut fuq dan il-perijodu.

---

[9] **Fenech Plant Hire Limited vs P. Montebello** – Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), deciza 13 ta' Marzu 2009.

[10] Artikolu 2111 tal-Kodici Civili: "*Il-qorti ma tistax ex officio taghti effett ghall-preskrizzjoni, jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata*".

Il-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta jiddefinixxi salarju jew paga bħala "*rimunerazzjoni jew qligħ li jitħallsu minn prinċipal lill-impjegat u tinkludi kull bonus li jithallas skond l-Artikolu 23 minbarra kull bonus jew allowance relatati ma' l-esekuzzjoni tax-xoghol jew tal-produzzjoni.*"

Imbagħad, fil-parti relevanti tiegħu, l-Artikolu 23 tal-Kap. 452 jipprovdi hekk dwar ħlas ta' *bonus*:-

*23.(1) Kull prinċipal għandu jħallas, jew jara li titħallas, lil kull wieħed mill-impjegati whole-time tiegħu dawk il-bonuses statutorji fl-ammont li jista' jiġi stabbilit b'avviż legali maħruġ mill-Ministru tal-Finanzi bis-saħħa ta' dan l-artikolu jew kif il-Gvern jista' jħabbar fl-estimi ġenerali ta' xi sena partikolari:*

… … …

*Iżda l-prinċipal għandu wkoll iħallas, jew jara li jitħallas, lil kull wieħed mill-impjegati whole-time tiegħu xi supplimenti tad-dħul fl-ammonti u fiż-żminijiet li jistgħu jiġu stabbiliti b'avviż legali maħruġ mill-Ministru tal-Finanzi bis-saħħa ta' dan l-artikolu: ...*"

L-attriċi mhijiex qiegħda titlob il-ħlas ta' *bonuses* abbażi tal-Artikolu 23 appena ċitat tal-Kap. 452 iżda qiegħda titlob il-ħlas ta' salarju li baqa' ma ġiex imħallas lilha flimkien maż-żieda tal-COLA fuq il-parti mis-salarju mhux imħallas, liema ħlasijiet il-Qorti tqis li jiffurmaw parti mill-pakkett tas-salarju tal-attriċi għall-fini tal-impieg tagħha mas-soċjeta' konvenuta.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi fl-ewwel kuntratt tal-impieg tal-attriċi, konkluz fit-30 ta' Novembru 2005[11] is-salarju tal-attriċi ġie stipolat għal sena iżda mqassam u pagabbli fi tnax-il pagament. Imbagħad, fil-kuntratt tal-impieg ("*Letter of*

[11] Dok. D. Hawn ġie stipolat illi "*Il est verse' a' l'employee un salaire de Lm6,150 par an … divise' en douze tranches payees chaque mois*".

*engagement*") datat 24 ta' Jannar 2010[12], ġie stipolat illi in kwantu għall-perijodu 1 ta' Jannar 2010 sat-30 ta' Ġunju 2010, "*the employee will perceive a gross monthly salary equivalent to €2,000*". Madankollu, is-salarju dovut lill-attriċi skont dan l-istess kuntratt għall-perijodu 1 ta' Lulju 2010 'il quddiemġie stipolat biss f'rata annwali, fis-somma ta' €26,400, mingħajr ebda stipolazzjoni dwar il-modalita' tal-ħlas ta' dan is-salarju annwali. Il-Qorti ma riskontratx fl-atti proċesswali xi prova oħra bħal per eżempju *payslips* jew dokumenti ossia formoli statutorji sottomessi lill-awtoritajiet kompetenti dwar is-salarju imħallas lill-attriċi fil-perijodu in diżamina, li turi illi dan is-salarju kien jitħallas bix-xahar jew perijodikalment mod ieħor, u l-unika prova dokumentarja dwar il-ħlas tas-salarju tal-attriċi tikkonsisti fil-kuntratt tal-impieg u fl-*excel sheet* li fiha id-diskrepanza bejn is-salarju annwali attwalment imħallas lill-attriċi u t-total pretiż mill-attriċi għas-sena relattiva, hija indikata fuq salarju ta' sena sħiħa. Kien biss meta xehdet in kontro-eżami li l-attriċi stqarret illi "*l-pagi kienu dejjem joħorġu fl-aħħar ta' kull xahar*"[13].

Madanakollu, il-fatt jibqa' illi kif juri l-patt 4(g) tal-*letter of engagement* (Dok. E), is-salarju tal-attriċi in kwantu għall-perijodu li għandu għha huwa stipulat b'tant fis-sena, mhux b'tant fix-xahar.

Din id-distinzjoni hija pertinenti għaliex diversament mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2147(ċ) tal-Kap. 16[14], l-Artikolu 2148(d) tal-istess Kap. 16 invokat mis-soċjeta' konvenuta, kif emendat wara d-dħul fis-seħħ tal-Att I tal-2017, ma għadux jagħmel distinzjoni abbażi tal-modalita' tal-ħlas reklamat mill-persuna, u jgħodd għall-azzjonijiet kollha għall-ħlas ta' salarju irrispettivament minn jekk is-salarju jiġix imħallas bis-sena jew bil-ġimgħa jew kull erba' ġimgħat u irrispettivament ukoll mill-mod kif is-salarju dovut lill-impjegat hu mqassam matul sena, ċioe l-frekwenza tal-ħlas. Il-frekwenza tal-ħlas kienet tkun importanti għall-fini tal-preskrizzjoni taħt l-Artikolu 2147(ċ) tal-Kap. 16 li jillimita l-applikabbilita' tal-preskrizzjoni tal-azzjoni

[12] Dok. E.
[13] Kontro-ezami tal-attriċi, 20 ta' April 2022, folio 81.
[14] "*azzjonijiet tas-sefturi jew persuni oħra mħallsin bix-xahar, tal-artiġjani jew tal-ħaddiema bil-ġurnata,għall-ħlas tal-ġranet tal-pagi, tas-salarji, jew tal-fornituri li jkollhom jieħdu;*"

bl-egħluq ta’ sena, għall-azzjonijiet għall-ħlas ta’ salarji ta’ persuni mħallsin *inter alia* bix-xahar jew bil-ġurnata.

L-attriċi ma opponietx għal din l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni billi kkontestat per eżempju, l-applikabbilita' tal-preskrizzjoni eċċepita: infatti mkien fis-sottomissjonijiet bil-miktub tal-abbli avukat tagħha ma ġie allegat li l-preskrizzjoni applikabbli għall-azzjoni m’hijiex dik taħt l-Artikolu 2148(d) tal-Kap. 16 iżda xi waħda mill-preskrizzjonijiet oħrajn elenkati fid-dispożizzjonijiet relattivi tal-Kodiċi Ċivili. Il-Qorti ma riskontrat xejn li jeskludi l-applikazzjoni tal-preskrizzjoni maħsuba taħt l-Artiklu 2148(d) tal-Kap. 16, anke għaliex, kif ġia’ ngħad l-attriċi qiegħda titlob il-ħlas ta’ inkrement ossia parti minn salarju stipolat b’rata annwali u żidiet statutorji li, kif stabbilit, jifformaw parti mill-pakkett tas-salarju tagħha.

Għalhekk, il-preskrizzjoni mqanqla mis-soċjeta’ konvenuta jirriżulta li hija applikabbli u eċċepibbli għall-azzjoni esperita mill-attriċi.

Stabbilit dan, il-Qorti tqis li għandha tagħmel referenza għall-Artikolu 2160(1) tal-Kodiċi Ċivili li jsib applikazzjoni għall-preskrizzjoni eċċepita mis-soċjeta’ konvenuta għaliex kif ingħad, il-preskrizzjoni minnha eċċepit hija msejsa dikjaratament fuq id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2148(d) tal-Kodiċi Ċivili.

L-Artikolu 2160(1) tal-Kap. 16 jaqra hekk:

“*Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m’għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.*”

Jinsab assodat fil-ġurisprudenza in materja illi l-unika dikjarazzjoni li għandha ssir biex tingħata effett lill-eċċezzjoni tal-preskrizzjonijiet qosra msemmija fl-Artikolu 2160 tal-Kap. 16, hija dikjarazzjoni tal-eċċipjent tal-preskrizzjoni li m’huwiex debitur

jew li ma jiftakarx jekk il-ħaġa ġiet imħallsa - dan għaliex il-preskrizzjoni estintiva tippreżumi l-estinzjoni tal-obbligazzjoni tal-ħlas. Kull dikjarazzjoni oħra, inkluż l-istqarrija li l-ammont mhuwiex imħallas, twassal biex twaqqa' l-effikaċja tal-preskrizzjoni eċċepita.

Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, jirriżulta li din id-dikjarazzjoni saret kif imiss mill-President tas-soċjeta' konvenuta li għandu r-rappreżentanza legali tagħha, li ddikjara solennement illi: "*l-entita' l-Alliance Francaise de Malte-Mediterranee ma hijiex qiegħda tikkunsidra lilha nnnifsha bħala debitriċi tas-Sinjura Karen Camilleri*". Il-Qorti tqis li din id-dikjarazzjoni hi pjenament effikaċja biex tagħti effett lill-preskrizzjoni eċċepita mill-istess soċjeta' konvenuta. Minbarra dan, ma jirriżultax illi saret xi stqarrija da parti tas-soċjeta' konvenuta dwar l-eżistenza ta' kreditu, liema stqarrija kieku saret, kienet ixxejjen l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

Il-Qorti issa trid tgħaddi biex tistabbilixxi l-jum li minnu dik il-preskrizzjoni applikabbli bdiet miexja. Jinsab ritenut illi meta mill-provi ma tistax tasal biex tistabbilixxi dik id-data, għandha tiċħad l-eċċezzjoni[15].

L-awturi Baudry-Lacantinerie u Tissier jgħallmu li:

"*Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui è nato il diritto o l'azione che è destinata ad estinguere. . .*"[16]

In propositu ngħad ukoll:-

"*Meta titqajjem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, l-Qorti trid dejjem u f'kull każ issib liema tkun id-data li minnha jibda għaddej iż-żmien preskrittiv u jekk mill-provi dik id-data ma toħroġx, l-eċċezzjoni trid titwarrab u ma tintlaqax*[17]. *Fl-artikolu 2137 tal-*

[15] App. Ċiv. 5.4.1993 fil-kawża fl-ismijiet Quintano vs Calleja et (Kollez. Vol: LXXVII.ii.269).
[16] *'Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: Della Prescrizione' :* Cap XII, §364, pag. 279. Ċitat fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Cini v. Muscat Motors Limited**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 10 ta' Ġunju 2021.
[17] App. Ċiv. 5.4.1993 fil-kawża fl-ismijiet **Quintano vs Calleja et** (Kollez. Vol: LXXVII.ii.269).

*Kodiċi Ċivili l-liġi tagħmilha ċara li biex wieħed iqis minn meta jibda għaddej iż-żmien preskrittiv dwar xi azzjoni, ma jittieħed l-ebda qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha tkun tmiss xi azzjoni*[18]*. Fi kliem ieħor, biex żmien ma jibdiex għaddej kontra l-persuna li jkollha dritt ta' azzjoni, irid ikun hemm impossibilità lil hinn mir-rieda ta' dik l-istess persuna li tkun ġejja minn kawża barranija li dik il-persuna ma setgħetx tinqala' minnha*."[19]

Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, kif rajna diġa', is-salarju tal-attriċi kien stipolat f'rata annwali fejn il-kalkoli li jkun hemm bżonn li jsiru, isiru fuq sena salarju. Għall-Qorti dan ifisser illi l-inkrement fis-salarju tal-attriċi kien dovut b'effett mill-1 ta' Lulju 2010 u dan fl-aħħar ta' kull sena, fil-31 ta' Diċembru, flimkien naturalment, maż-żidiet statutorji relattivi. B'hekk, l-inkrement u ż-żidiet applikabbli dovuti għas-sena 2011 saru dovuti fil-31 ta' Diċembru 2011, dawk dovuti għas-sena 2012 saru dovuti fil-31 ta' Diċembru 2011 eċċ. Dan ifisser illi ż-żmien għall-preskrizzjoni beda jgħaddi in kwantu għall-ażżjoni għall-ħlas tas-salarju mid-data meta dan sar dovut, ċioe' fl-aħħar ta' kull sena u konsegwentement, iż-żmien għall-preskrizzjoni mill-aħħar inkrement li qed jiġi reklamat bħala dovut, fil-31 ta' Diċembru 2018, għalaq irrimedjabbilment fil-1 ta' Ġunju 2020.

L-attriċi opponiet għall-preskrizzjoni billi fis-sottomissjonijiet bil-miktub, l-abbli avukat tagħha saħaq li ż-żmien għall-preskrizzjoni ġie interrott "*b'kull ħlas tas-salarju mensili tul is-snin*". Iżda l-Qorti ma taqbilx. Hu ovvju li l-ħlas tas-salarju minn Lulju 2010 'il quddiem ma kienx qed isir akkont jew b'rikonoxximent tad-dritt għall-inkrement fis-salarju, għaliex l-attriċi stess stqarret li kienet intebħet hija stess bid-diskrepanza fis-salarju li kienet qed titħallas matul is-snin, u dan biss fil-bidu tas-sena 2019. Minbarra dan, mill-provi jirriżulta wkoll illi l-attriċi kienet taħdem hija stess il-paga tagħha kull xahar u dan billi ddaħħal l-informazzjoni relattiva fid-dokument (*excel sheet*) imħejji mill-*accounts executive*, u kienet ukoll toħroġ u tiffirma hija stess c-*cheque* tal-ħlas tas-salarju tagħha. Għalhekk, is-soċjeta' konvenuta billi ma setgħetx

---

[18] App. Inf. PS 9.4.2010 fil-kawża fl-ismijiet **Josette Żammit vs Darren Woodhead**.
[19] **Antoinette Vella v. CareMalta Limited**, deċiża mill-Qorti tal-Appell, 16 ta' Diċembru 2019.

kienet taf, talanqas sakemm ġiet mgħarrfa mill-attriċi bid-diskrepanza fis-salarju tagħha u bil-pretensjoni tagħha, ma tista' qatt titqies li, ma' kull ħlas lill-attriċi tas-salarju tagħha, kienet qiegħda tħallas l-inkrement tas-sena ta' qabel. Kieku kien hekk, kieku l-attriċi kienet tivvanta pretensjoni għall-ħlas ta' arretrati tas-salarju attwali tagħha u mhux il-ħlas ta' "***awment*** *ta' salarju li baqa' ma tħallasx*"[20] kif talbet fir-Rikors promotur. Fuq kollox, Stephanie Pearson, li f'dan iż-żmien kienet taħdem bħala *accounts executive* mas-soċjeta' konvenuta, stqarret bla tlaqliq fix-xhieda tagħha: "*Nikkonferma li sa meta Karen Camilleri kienet għadha impjegata bħala direttriċi, mid-dipartimenti kkonċernat mill-pagi tal-ħaddiema ma sar l-ebda pagament relatat mad-diskrepanza fis-salarji bejn Jannar tal-elfejn u ħdax u Diċembru tal-elfejn u tmintax.*"[21]

Meta xehdet in kontro-eżami l-attriċi stqarret illi hekk kif intebħet li kienet qiegħda titħallas salarju inqas minn dak lilha dovut minn Lulju 2010 'l quddiem, hija kienet bl-applikazzjoni tal-istess proċedura li kienet tħaddem fil-kariga tagħha bħala *Diretrice Generale*, ħallset lilha nnifisha fl-aħħar xhur tal-impieg tagħha is-salarju kif miżjud bl-inkrement u biż-żidiet statutorji *pro rata*. Stephanie Pearson xehdet illi s-soċjeta' konvenuta "*kienet ikorreġiet is-salarju għal dak li jirrigwarda is-sena elfejn u dsatax, iżda sa fejn niftakar jien, Karen Camilleri ma ingħatat l-ebda pagament b'lura għas-snin preċedenti*".

Il-Qorti għalhekk trid tistabbilixxi jekk il-ħlas mill-attriċi lilha nnifisha tal-inkrement fis-salarju pretiż għas-sena 2019, iservi biex jinterrompi ż-żmien għall-preskrizzjoni tal-azzjoni għall-ħlas pretiż minnha.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-attriċi naqset milli tressaq prova dokumentarja tal-pagamenti bl-inkrement fis-salarju li hija qalet li ħallset lilha nnifisha u kwindi, prova tajba li l-ammont relattiv li ġie mħallas lilha mis-soċjeta' konvenuta.

---

[20] Emfasi tal-Qorti.
[21] Affidavit ta' Stephanie Pearson.

Fi kwalsiasi każ, anke jekk għal mument kellu jiġi aċċettat li l-ħlas sar kif allegat, m'hijiex konvinta illi dan il-ħlas għandu jitqies bħala ħlas utili għall-interruzzjoni tal-preskrizzjoni.

Il-Kodiċi Ċivili jipprovdi hekk fir-rigward tal-kawżi li jiksru l-preskrizzjoni:-

**2133.** *Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jagħraf il-jedd tal-parti li kontra tagħha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja.*

**2134.** *Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll bi ħlas akkont tad-dejn, magħmul mid-debitur innifsu jew minn wieħed li jkun jidher għalih.*

Il-Qorti ma taqbilx illi l-ħlas tas-salarju aġġustat li l-attriċi setgħet irċeviet fis-sena 2019 jgħodd bħala ħlas akkont magħmul mid-debitur innifsu jew wieħed li jkun jidher għalih. L-attriċi nnifisha stqarret li għalkemm il-Bord tas-soċjeta' konvenuta baqa' qatt ma taha risposta dwar it-talba tagħha biex titħallas id-differenza fis-salarju u lanqas talbuha provi jew kjarifika, bl-għajnuna tal-accountant hija kienet ħadmet id-differenza pretiż minnha "*u dak li kien ħaqqni ħadtu*". Ikkonfermat ukoll li s-soċjeta' konvenuta qatt ma ratifikat il-ħruġ tal-pagamenti tas-salarju miżjud *pro rata* li ħallset lilha nnifisha wara Jannar 2019. Stephanie Pearson fix-xhieda tagħha in kontro-eżami ukoll affermat illi filwaqt li kienet l-attriċi stess li ħarġet il-pagament tas-salarju tagħha għall-perijodu bejn Jannar u Ġunju 2019, ma tafx jekk l-attriċi kienetx kisbet l-approvazzjoni tal-prinċipal tagħha biex tarroga għaliha l-ammont miżjud.

Għall-Qorti, dan kollu magħdud ifisser illi l-ħlas tal-inkrement fis-salarju minn Jannar 2019 'il quddiem, la kien ħlas akkont tad-dejn magħmul mid-debitur innifsu, u lanqas ħlas akkont magħmul b'għarfien tal-jedd pretiż mill-attriċi. Il-fatt li l-pagamenti tal-inkrementi *pro rata* fis-salarju saru bil-fondi tas-soċjeta' konvenuta ma jistgħux fiċ-ċirkostanzi jitqiesu li kienu awtorizzati mis-soċjeta' konvenuta u huwa immaterjali l-fatt li l-attriċi dehrilha li l-ħlas kien dovut skont il-kuntratt tal-impieg tagħha. Wara kollox il-kwistjoni dwar id-dritt o meno tal-attriċi li tirċievi l-ħlas tal-inkrement fis-

salarju kif minnha pretiż, tifforma tabilħaqq il-kawżali tat-talba tal-attriċi fir-Rikors promotur liema talba hi opposta mis-soċjeta' konvenuta, kif del resto kellu diġa' kellha jkun evidenti lill-attriċi meta t-talba tagħha għall-ħlas jirriżulta li ġiet konsistentement injorata mis-soċjeta' konvenuta. **Il-Qorti tqis illi l-attriċi ma tistax tużufruwixxi mill-fatt li arrogat lilha nnifisha d-dritt li titħallas dan is-salarju miżjud pro rata minn Jannar 2019 'il quddiem, bħala kawża tal-ksur tal-preskrizzjoni eċċepita.** F'kull każ, kif diġa' aċċennat iktar qabel, l-attriċi naqset b'mod assolut li tressaq prova konkreta dwar dan il-ħlas li effettwat lilha nnifisha u illi f'dawn il-ħlasijiet kien effettivament kompriż pagament *pro rata* tal-inkrement pretiż fis-salarju tagħha.

Il-Qorti tistenna illi minn jopponi għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni minħabba partikolarment, iċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 2133 tal-Kodiċi Ċivili, fuq ċitati, iressaq provi konklussivi tar-rikonoxximent tal-jedd pretiż u juri wkoll b'mod konvinċenti u univoku li dan ir-rikonoxximent sar konxjament f'ċirkostanzi kompatibbli mal-volonta' tad-debitur li jagħraf l-eżistenza tad-dritt pretiż.

Il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cassar noe vs Sunny Muscat**[22] qalet hekk:-

*"Ghall-preċiżazzjoni r-rikonoxximent ghall-iskop tal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni hi konfigurabbli mill-koezistenza ta' dawn ir-rekwiziti, jigifieri, (a) il-volontarjeta'; (b) ix-xjenza tad-debitu fil-konvenut; (c) l-inekwivocita` u dikjarazzjonijiet u minn kwalunkwe fatt iehor li jimplika ammissjoni, ad exemplum, l-weghda tal-hlas, xi rikjesta biex jinghata dilazzjoni tal-pagament, u l-hlas akkont (Kollez Vol XXIX pI p755; Vol XLIII pII p744;* ***Victor Calleja noe vs Nazzareno Vassallo et noe****, App, 5/10/1998).*"

[22] *Appell Ċivili deċiż 28 ta' April 2004 - 1230/97.*

Fil-fehma tal-Qorti, meta jirriżulta *ex admissis* mix-xhieda tal-attriċi illi s-soċjeta' konvenuta baqgħet qatt ma affermat id-dritt pretiż mill-attriċi għall-ħlas ta' salarju awmentat minkejja t-talbiet ripetuti tagħha, ma jistax jiġi ravviżat fil-ħlas unilaterali magħmul lill-attriċi lilha nnifisha, la rikonoxximent ċar u espliċitu da parti tal-istess soċjeta' konvenuta li huwa interruttiv tal-preskrizzjoni (irrispettivament mill-fondatezza o meno tal-pretensjoni tal-istess attriċi) jew prova li sar ħlas jew xi pagament akkont tad-debitu bl-għarfien, da parti tas-soċjeta' konvenuta, tad-dejn, wisq inqas abdikazzjoni mill-volonta' tagħha li tikkontesta l-eżistenza jew eżerċiżzjoni tad-dritt.

Ġie ritenut ukoll in propositu:-

"*F'dan ir-rigward, "**jekk dwar din l-interruzzjoni hemm konflitt ta' provi, allura l-konsegwenza m'hijiex li ghandha tigi michuda l-preskrizzjoni, imma dik kuntrarja, li ghandha tigi akkolta**, peress li l-posizzjoni guridika tkun li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, jkun ugwalment fatt illi l-attur ma ssodisfax lill-Qorti li kien hemm interruzzjoni". (Kollez. Vol. XXX P I p 989).*"[23] (emfasi ta' din il-Qorti)

Iżda f'dan il-każ, m'hemm ebda prova li s-soċjeta' konvenuta kellha l-ħsieb jew intenzjoni li tirrinunzja għal xi żmien preskrittiv.

Għaldaqstant, dan il-ħlas ma jistax jittieħed bħala interruttiv tal-preskrizzjoni għall-fini tal-Artikolu 2128 tal-Kap. 16.

Konsegwentement, billi kif diġa' ngħad, iż-żmien għall-preskrizzjoni beda jgħaddi minn dakinhar meta l-azzjoni għall-ħlas setgħet tiġi eżerċitata, ċioe' meta kull inkrement fis-salarju annwali sar dovut, jikkonsegwi li l-azzjoni hija preskritta in kwantu għal kull inkrement pagabbli annwalment. Dan qed jingħad ukoll għaliex stabbilit li ma kienx hemm interruzzjoni tal-azzjoni għall-ħlas tal-inkrement fis-salarju

[23] **Id-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt v. Mario Debattista et**, deċiża mill-Qorti tal-Appell, 24 ta' Ġunju 2016.

bil-ħlas ta' kull salarju u lanqas bil-ħlas li sar mill-attriċi nnifisha fis-sena 2019, għaddew ferm iktar minn tmintax-il xahar minn meta kull ħlas ta' kull awment fis-salarju, kien dovut.

Għandu jingħad ukoll illi l-attriċi fetħet il-kawża biss fil-1 ta' Settembru 2020 meta l-aħħar inkrement minnha pretiż imur lura għall-31 ta' Diċembru 2018 u għalhekk, iktar minn tmintax-il xahar wara. Għalkemm huwa minnu li hija interpellat lis-soċjeta' konvenuta ġudizzjarjament biex tħallas l-ammont pretiż, permezz ta' ittra uffiċjali (Numru 1435/2020), il-Qorti, meta ħadet konjizzjoni ġudizzjarja ta' dan l-att, osservat li dan ġie ppreżentat fit-23 ta' Lulju 2020 ċioe' wara li għalaq iż-żmien għall-preskrizzjoni. Għalhekk lanqas din l-interpellazzjoni ma tiswa għall-fini ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni għall-ħlas tal-inkrement fis-salarju taħt l-Artikolu 2128 tal-Kap. 16.

**Għal dawn il-motivi kollha, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni sollevata mis-soċjeta' konvenuta fir-Risposta tagħha, tiċħad it-talba attriċi bl-ispejjeż tbatihom l-istess attriċi.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**